# 2010

# Ġimgħa Mqaddsa

Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851



# Citadelmotor

## Citadel*motor* toffrilek

- Protezzjoni tan-'No Claims Discount' b'xejn
- Servizz ta' irmunkar b'xejn
- Skont fuq karozzi b'emissjonijiet ta' $CO_2$ baxxi, 'hybrid' jew li jaħdmu bl-elettriku

…u aktar (Termini w kundizzjonijiet japplikaw)



**Skont ta' 15%* fuq l-assigurazzjoni tal-vettura matul ix-xahar t'April**

Citadel insurance

**Għal aktar informazzjoni żur il-fergħa tagħna ġewwa Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ jew ċempel fuq 21464873**

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Triq is-Suq • Furjana FRN 1082 • Tel: 2557 9000 • E-mail: info@citadelplc.com
Fergħat: Gżira 2133 2151 • Ħaż-Żebbuġ 2146 3559 • Naxxar 2141 9198 • Raħal Ġdid 2180 6247
Intermedjarji fl-Assigurazzjoni Marbuta: Malta • Għawdex

Citadel Insurance p.l.c. hija kumpannija awtorizzata sabiex tmexxi kummerċ tal-assigurazzjoni ġenerali u fit-tul u hija regolata mill-Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta
*Termini w kundizzjonijiet japplikaw. Żur is-sit www.citadeldirect.com għal-aktar informazzjoni.

# Il-Ġimgħa Mqaddsa F'Ħaż-Żebbuġ

minn Philip Balzan



*Il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ, fl-2009. Għall-ewwel darba dis-sena kienet introdotta l-bandalora u l-banda ħarġet mill-knisja għal ġol-purċissjoni minflok minn fuq iz-zuntier.*

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Ħaż-Żebbuġ huma fost l-aqwa f'Malta. Naturalment qed nirreferi għall-mod kif tiġi murija d-devozzjoni popolari esternament f'dan ir-raħal. Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ ingħatat rikonoxximent internazzjonali meta fl-2008, fuq inizjattiva tas-sindku ta' dak iż-żmien, Brian Bonnici, intgħażlet bħala dik rappreżentattiva tal-purċissjonijiet Maltin fuq livell Ewropew. Eluf ta' Maltin u barranin ta' kull sena joħonqu t-toroq ta' dan ir-raħal biex isegwu din il-purċissjoni minkejja li hawn diversi oħrajn sbieħ u kbar ukoll. Il-pjazza, Triq Antonio Sciortino u Vjal il-Ħelsien joffru l-ispazju tajjeb biex titgawda din il-purċissjoni li hija spettaklu ħaj u sabiħ li fih jieħdu sehem mad-disa' mitt ruħ. Imbagħad hemm il-wirjiet li jsiru fiċ-ċentru tar-raħal mit-tlett każini tal-baned, mill-każini politiċi, mit-Talent Żebbuġi, u minn individwi fi djar jew garaxxijiet. Dawk li jħobbu dawn il-wirjiet isibu varjetà sħiħa minn settijiet ta' vari żgħar u platti tal-melħ, ross u smid, ritratti, ornamenti sa xeni kbar bi statwi kbar artistiċi u filmati. U dawn kollha jintlaħqu fi ftit minuti mixi minn waħda għall-oħra.

Barra minn hekk, is-sena l-oħra kellna żewġ drammi ħajjin tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù: wieħed sar fis-sala parrokjali u ieħor fil-pjazza u parti minn Triq Sciortino.

• *ikompli f'paġna 5*

*Qoxra: "Ġesù jaħsel saqajn l-Appostli", pittura ta' Luigi Fontana li tinsab fil-knisja tal-Madonna tar-Rużarju fil-belt ta' Grottazzolina, fl-Italja.*

Nhar il-Għid il-Kbir, 4 ta' April 2010, il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Irxoxt li ssir f'Ħaż-Żebbuġ b'daqq ta' marċi u valzi ferrieħa.
**Il-Għaqda Każin Banda San Filep**
**tixtieq il-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.**





*Fuq: L-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca milqugħ bl-Innu Pontifiċju. Banda taż-Żgħażagħ taħt id-direzzjoni tas-surmast Richard Bugeja u tal-għalliem Mro Michael Ciantar daqqgħet siltiet mużikali addattati waqt il-programm tal-inawgurazzjoni tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.*

*Isfel: Mumenti miċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-wirjiet tal-2009 fil-Każin Banda San Filep Ad1851.*









*Ix-xena tal-Kurċifissjoni fuq il-Golgota. Taqsima unika u spettakulari, akkumpanjajta b'kummentarju u effetti speċjali.*



*Id-Difna f'xelter imħaffer fil-blat, taħt l-art.*



*Il-Grupp li jieħu ħsieb il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 flimkien mal-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca u mal-Arċipriet Dun Daniel Cardona.*



*Xellug: Jonathan Agius idawwar lill-Arċisqof mat-taqsima tal-vari żgħar tiegħu.*

*Taħt: Il-filmat tal-Irxoxt li jagħlaq il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep.*





*Fuq: L-Arċisqof jammira wieħed mill-għaxar inkwadri tal-Via Crucis ddisinjati u maħduma apposta għax-xelter tal-każin minn Antonio Mifsud.*

**Ċenaklu**
**Kruċifissjoni**
**Difna**

**Via Crucis**
**Vari Żgħar**
**Irxoxt**

• *ikompli minn paġna 1*

L-ewwel rappreżentazzjoni saret fis-Sala Parrokkjali miż-Żebbuġ Pageant Group tal-parroċċa li kien diġà tella' drammi bħal dan fis-snin ta' qabel. It-tieni saret nhar il-Erbgħa tat-Tniebri mis-St. Philip Pageant Group li għalih kienet l-ewwel rappreżentazzjoni. Għalkemm is-suġġett kien l-istess, l-istili ta' dawn iż-żewġ drammi kienu differenti ħafna. Tal-ewwel sar fuq palk ta' sala, waqt li f'tat-tieni ix-xeni żvolġew fuq tlett palkijiet mifruxin mal-pjazza kif ukoll qalb in-nies fit-triq bejn dawn il-palkijiet u fil-gallerija tal-Każin San Filep. It-tnejn intlaqgħu tajjeb ħafna mill-pubbliku li jittama li anke dis-sena jerġgħu isiru.

Dawn huma ngredjenti li għamlu lil Ħaż-Żebbuġ mekka tal-ispettakli tal-Ġimgħa Mqaddsa u bosta rħula oħra bdew jimitaw l-eżempju ta' raħalna. Ħaqqhom prosit dawk kollha li jtellgħu dawn il-wirjiet kif ukoll il-kummissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Parroċċa, li minn snin ilu taw spinta lid-devozzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Għaqda Każin Banda San Filep ilha tagħti kontribut qawwi għas-suċċess tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Ħaż-Żebbuġ bis-sitt wirjiet fil-każin tagħha, tlieta minnhom bi statwi kbar. Fl-2009 is-*St. Philip Pageant Group* li kien twaqqaf fi ħdanha ftit xhur qabel għamel id-dramm oriġinali msemmi aktar 'il fuq. Barra minn hekk il-Banda San Filep akkumpanjat il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Knisja Arċipretali b'daqq ta' marċi funebri mill-isbaħ mir-repertorju tagħha. Din is-sena l-banda takkumpanja l-purċissjoni tal-Irxoxt nhar Ħadd il-Għid, biex hekk f'ċiklu ta' sentejn tkun ħadet sehem totali fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Ħaż-Żebbuġ kif ilha tagħmel għal ħafna snin.

Nagħtu merħba lill-Q.T. il-Papa Benedittu XVI, li ftit jiem oħra se jżur Malta, it-tielet żjara ta' Papa f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Avveniment bħal dan jimliena ferħ u entużjażmu. Kien opportun il-ħsieb ta' Philip Said li qaleb għall-Malti riflessjonijiet fuq il-Via Crucis miktuba mill-Papa meta kien għadu kardinal. F'dan il-ktejjeb se ssibu l-ewwel parti ta' dil-kitba. L-Għid it-tajjeb lil kulħadd.

**L-artiklu miktub mill-Papa Benedittu XVI u maqlub għall-Malti minn Philip Said jinsab f'paġni 17-23.**

Tista' takkwista mill-Każin Banda San Filep:

**• DVD tal-Ġimgħa Mqaddsa**
**• CD's ta' Marċi Funebri u oħrajn brijużi**
**• DVD tal-festa ta' San Filep**
**• DVD tal-Milied**

u barra li tgawdihom int, ibgħathom lil qrabatek barra minn Malta.

# Fuq Triq l-Imsallab... 30 ta' Marzu 2010

minn Brian Bonniċi - Direttur Artistiku, St Philip's Pageant Group

Il-pageant tal-Passjoni li ttella' għall-ewwel darba s-sena li għaddiet f'Misraħ San Filep, kien esperiment li rnexxa u bħal dejjem, kull ħaġa li tirnexxi tkattar l-entużjażmu u l-ħeġġa għal attività simili li tkun tista` tittenna s-sena ta' wara. Hekk seħħ mat-tmiem tar-rappreżentazzjoni **Komplott il-Fidwa** li ttellgħet għall-ewwel darba bi prova nhar l-Erbgħa tat-Tniebri ta' l-2009. Kienet inizjattiva oħra u ġdida tas-St. Philip's Pageant Group fi ħdan il-Għaqda Każin Banda San Filep, AD1851, attività li daret ma' Triq Sciortino u l-Pjazza ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ u li se terga' tittenna din is-sena wkoll nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010.

Għal dawk kollha li taw sehemhom kif ukoll għal dawk li attendew, kienet esperjenza mill-isbaħ fejn il-ġrajja tal-Passjoni ħadet il-ħajja fuq żewġ palkijiet, madwar il-binja u fil-gallerija tal-Każin San Filep kif ukoll fil-madwar tal-Pjazza. Ġrajja fejn l-ispettaturi saru parti mid-dramm, fejn l-atturi għaddew minn qalb l-ispettaturi li letteralment setgħu jgħixu u jmissu mill-qrib il-ġrajja tal-fidwa. Dan kollu se jerġa' jseħħ mill-ġdid.

Din is-sena, minkejja d-diffikultajiet u spejjeż li toffri rappreżentazzjoni bħal din, il-Kumitat u l-membri tas-*St Philip's Pageant Group* bil-għajnuna tal-Kummissjoni Kultura u l-Kumitat Ċentrali tal-Każin Banda San Filep, se jerġgħu jagħtu ħajja lill-ġrajja tal-fidwa. Dan kollu seta' jseħħ bil-għajnuna tal-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira Għawdex, is-Sur Paul Azzopardi u Bronk Production. L-isem tar-rappreżentazzjoni ta' din is-sena huwa **Fuq Triq l-Imsallab**, dan minħabba li se nterrqu t-triq li ħadet lin-Nazzarenu sa l-Għolja tal-Qorriegħa waqt li se ngħaddu wkoll mit-triq iebsa ta' kull imsallab ta' żmienna.

Din is-sena r-rappreżentazzjoni se ssir fil-ġurnata tat-**Tlieta 30 ta' Marzu** minħabba li *St Philip's Pageant Group* u l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira Għawdex ġew mistiedna biex flimkien itellgħu rappreżentazzjoni tal-Passjoni f'Misraħ San Ġorġ il-Belt Valletta nhar l-Erbgħa, 31 ta' Marzu waqt il-festival tal-Ġimgħa Mqaddsa li se ttella' s-Soċjetà Filarmonika La Vallette. Dan għalina hu ta' unur kbir li nieħdu sehem f'attività fuq skala nazzjonali fil-Belt. Apparti minn hekk għat-tieni sena se nergħu nieħdu sehem ukoll fir-rappreżentazzjoni 'L-Imsallab fit-Triqatna' li tittella' mill-Għaqda Dilettanti Gimgħa l-Kbira Għawdex fit-toroq ewlenin tal-Belt Vittoria. Aħna permezz ta' dan il-messaġġ qasir waqt li nħeġġukom tattendu għar-rappreżentazzjoni **'Fuq Triq l-Imsallab'** nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenuna u nkoraġġewna biex nidħlu għal darba oħra għal din l-isfida, partikolarment lill-Kumitat Ċentrali tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851 li tant apprezza l-impenn tagħna li offra li jagħti l-għajnuna tiegħu bis-shiħ lis-*St Philip's Pageant Group*. Inrodd ukoll ħajr lill-atturi kollha u lil dawk li kkollaboraw miegħi b'tant impenn, ħila u sagrifiċċju biex għal darba oħra nwasslu l-ġrajja tal-fidwa b'mod ħaj f'Misraħ San Filep, nhar **it-Tlieta, 30 ta' Marzu mis-7.30p.m. 'l quddiem.**



Xeni mid-Dramm

# “Komplott il-Fidwa”

**imtella’ mis-St. Philip Pageant Group nhar l-Erbgħa tat-Tniebri, 8 ta’ April 2009, f’Misraħ San Filep u Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ.**









## Din is-Sena dramm ġdid se jsir nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010:

# "Fuq Triq l-Imsallab"



# Żewġ Poeżiji ta' Ġorġ Saliba

Il-poeżija "O ALLA!" hija poeżija "personali" (li tinkiteb, spontanjament, meta l-poeta jkun għaddej minn ċerti waqtiet.....).

…il-poeżija l-oħra "MIN JAF KEMM!", hija poeżija "sarkastika", ... b'riferenza għall-ipokresija (ħafna drabi) f'għemilna, it-TAPARSI (ħafna drabi) insara Maltin!!... Huma, għalhekk, żewġ poeżiji qawwijin ħafna…

## Min jaf kemm!…

*Għad-dehra ta' Kristu l-Imsallab,*
*min jaf kemm se jagħfsu*
*lil qlubhom, sogħbiena,*
*l-insara Maltin!...*

*Min jaf kemm se jqasstu rużarji,*
*u jserrpu fit-toroq*
*bejn knisja w kappella,*
*f'tax-Xirka l-Ħamis!...*

*Min jaf kemm-il xemgħa ħuġġieġa*
*fil-Għid se jixegħlu,*
*b'turija ta' Dinhom*
*daqs tal-qaddisin!...*

*.... Ma' iklet figolla,*
*imżejna sabiħa,*
*u l-kbar qassatat*
*li jaqsmu bir-riħa,*
*min jaf kemm se jsallbu, bħal Kristu*
*li tħassru, lil għajrhom imsejken,*
*b'elf qlajja' ħajjiena*
*ta' lsienhom qasqiesi,*
*dix-xorta qaddisa*
*ta' nsara Maltin!!...*

## O Alla!

*Flok tajtni bil-ħarta*
*kif stħoqqli,*
*w għaffiġtni taħt riġleK*
*setgħani,*
*wennistni, żammejtni sa issa,*
*ħa nerġa', aktarx, nerfa' rasi!…*

*O Alla,*
*tgħaġġibni TjubiteK għalija*
*li nsejteK, warrabteK mitt darba!…*
*…U nibqa' le nifhem*
*xi jġiegħleK*
*tagħdirni, terfagħni mit-tajn,*
*minflok ma*
*twarrabni, tobżoqni, tkissirni,*
*kif ħaqqni*
*bħall-bqija*
*li bħali każbruK għal mitt darba!…*

*…U mwerwer, nitriegħed*
*niftakar*
*li nħossni bla ħila*
*inwiegħdeK*
*li naqt' għal li ġej dawn ħtijieti,*
*…għax dgħajjef, jien nafni, O Alla!!*

# Fuq Qabru

## Il-Ħsieb tal-Poeżija:

Il-Poeta qiegħed jimmaġina li hemm kitba fuq il-blata tal-qabar ta' Kristu fejn tgħid min kien dal-bniedem u x'għadda minn ħajtu. Fl-aħħar strofa iżda titqiegħed mistoqsija fejn turi x'jaħseb il-midfun li kieku jara l-iskrizzjoni ta' fuq il-blata.

*Dal-bniedem għex għal batut u fqir;*
*kien Alla ħaj għal poplu, kif sid,*
*li ħeles minn kull ħakma u ġlied,*
*u ħafna ħabb bit-tixrid tal-ġid.*

*Hawn jinsab Re tar-Rejjiet, bla nifs!*
*li tqiegħed f'dan l-għar, mindud fuq blat;*
*hawn jistrieħ li kien mislub u miet;*
*dak l-iben li ġie mifluġ bis-swat.*

*Dan għadda mal-Lhud b'raġel ta' ġenn,*
*li qarraq bit-talb, b'ħażen ta' fih;*
*ħadd m'emmnu bli qal tajjeb u sân,*
*għax warrbuh u kliem għajruh bla ġieħ.*

*Hu fejjaq, mill-mewt qajjem lin-nies;*
*kien meqjus dak il-ħabbar il-kbir;*
*u rebaħ fuq il-vizzji tad-dnub,*
*għax fidwa bħal din, għalih kien dmir.*

*Hekk ħalla din id-dinja, kif ġie;*
*żgħir fl-eta' u qatt qisu ma rawh;*
*ftit ftakkru li kien għamel fuq l-art,*
*dal-Mulej, għax bil-ħarta dawn tawh.*

*Fil-ħemda t'hemm ġew, minsi, hemm dak,*
*li seta' ta għan għalfejn trid tgħix;*
*ħadd bħalu ma kien b'ħeġġa f'qalb jgħid;*
*jien, ibni ġejt hawn ħalli fik ngħix.*

*O ħallieq, tgħid int x'taħseb fuq hekk;*
*b'dil-kitba li hawn kieku kont ħaj?*
*Hi ġusta, jew trid tagħti xi ħjiel,*
*fejn naħseb b'hekk hi turi kont ragħaj?*

Joseph Bonnici
22-07-2009



*Id-dahla għall-qabar ta' Kristu*


Tools for
HIRE
Core Drill
Scouring Machine
Power Float
Jigger Small-Big
Generator
Concrete Mixer
Wall Chaser
Chaser
T 2146 4329
M 7946 4329

# Leonardo Da Vinci u l-Aħħar Ċena

Kitba tan-Nutar Dr. Philip Ellul LL.B., Dip. N.P., LL.D.



Sfortunatament, il-ftit xogħlijiet li Leonardo da Vinci laħaq temm fis-snin tal-quċċata tal-karriera artistika tiegħu, jinsabu kważi kollha fi stat pjuttost degradanti. Għaldaqstant, jekk wieħed iħares lejn il-pittura ta' l-Aħħar Ċena, irid bilfors jipprova jimmaġina kif din kienet tidher oriġinarjament f'għajnejn il-patrijiet li għalihom da Vinci pitter dan ix-xogħol. Din il-pittura tgħatti ħajt sħiħ ta' sala twila li kienet tintuża bħala refettorju mill-patrijiet tal-monasteru ta' Santa Maria Delle Grazie ta' Milan.

F'din il-pittura m'hemm xejn li jixbah b'xi mod jew ieħor lil xi xogħlijiet oħra dwar l-istess tema ta' artisti oħrajn. Fil-verżjonijiet tradizzjonali ta' l-aħħar ċena, l-Appostli jidhru ġeneralment kalmi, bilqiegħda madwar mejda, b'Ġuda l-Iskarjota biss li jkun ftit imwarrab mill-oħrajn, filwaqt li Ġesù jidher jew bil-ħobż jew bl-inbid f'idejh. L-Aħħar Ċena ta' da Vinci hija differenti għal kollox minn dawn ix-xogħlijiet kollha. Hawnhekk l-artist irnexxielu joħloq atmosfera ta' drammatiċità qawwija ħafna.

Leonardo, l-istess bħalma għamel Giotto qablu, silet episodju mill-Iskrittura Mqaddsa u pprova jikkonċepixxi l-atmosfera li tinħoloq meta Kristu jlissen il-kliem: "'Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini,' u huma bdew isewwdu qalbhom ħafna u bi swied il-qalb kbira kull wieħed minnhom beda jistaqsih, 'Jaqaw jien, Mulej" (Mattew 21Ġ21-22). L-evanġelju ta' San Ġwann iżid li: "Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien bilqiegħda maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù. Xmun Pietru għamillu sinjal u staqsih: 'Għal min qiegħed jgħid?" (Ġwanni 13Ġ23-24). Huma dawn il-mistoqsijiet li joħolqu moviment daqstant drammatiku f'dan ix-xogħol artistiku ta' da Vinci.

Ġesù jkun għadu kemm qal dak il-kliem traġiku u l-Appostli jinġibdu lura bil-biża' meta jisimgħuh. Uħud minnhom jistqarru l-imħabba u l-innoċenza tagħhom oħrajn jiddiskutu bejniethom x'ried tassew ifisser Ġesù b'dak il-kliem filwaqt li oħrajn jidhru jħarsu lejn l-Imgħallem tagħhom, jistennew li jingħataw xi tifsira mingħandu dwar dak il-kliem. Pietru, l-aktar wieħed sfiċċuż fosthom, imur ħdejn Ġwanni, li jkun qiegħed bilqiegħda fuq in-naħa tal-lemin ta' Ġesù, u jtarraflu xi ħaġa f'widnejh, filwaqt li jimbotta lil Ġuda l-Iskarjota 'l quddiem. Ġuda m'huwiex imwarrab mill-Appostli l-oħrajn. Madankollu, huwa jidher iżolat. Hu biss ma jagħmel ebda ġest u ma jistaqsi xejn. Ġuda jidher milwi 'l quddiem u jħares b'ċertu suspett

jew rabja, waqt li joħloq kuntrast drammatiku bejnu u bejn il-figura ta' Kristu, li jidher bilqiegħda, kalm ħafna u rassenjat, qalb l-istorbju li joħolqu l-Appostli.

Minkejja l-eċitament li joħloq il-kliem ta' Kristu, m'hemm xejn li jista' jitqies kaotiku f'din il-pittura. It-tnax-il appostlu huma maqsumin f'erba' gruppi ta' tlieta, magħqudin flimkien permezz tal-ġesti u l-movimenti li jagħmlu. Jekk wieħed jinsa ftit ix-xena li tirrappreżenta din il-pittura, żgur li jista' japprezza l-forom mill-isbaħ li joħloq da Vinci permezz tal-figuri li jpinġi. Il-kompożizzjoni ta' dan ix-xogħol fiha sens qawwi ta' bilanċ, armonija u proporzjonalità li kien jiddomina fil-pitturi ta' stil Gotiku ta' artisti bħal Roger van der Weyden u Sandro Botticelli. Il-pittura ta' Leonardo da Vinci turi wkoll ir-realtà, il-konvinzjoni u t-tqanqil li nsibu fix-xogħlijiet magħrufa ta' Masaccio u Donatello.

Leonardo da' Vinci juri ħila kbira fil-mod ta' kif joħroġ l-imġiba u r-reazzjonijiet kuntrastanti tal-figuri, u juri wkoll immaġinazzjoni tabilħaqq fertili li wasslitu sabiex jippreżenta xena daqstant drammatika quddiem għajnejna. Jingħad li waqt li kien ikun qiegħed ipitter, da Vinci kien jieqaf f'ċertu ħin, jitla' fuq banketta daqsxejn għolja, jorbot idejh flimkien u joqgħod iħares fit-tul lejn il-pittura li jkun qiegħed ipinġi qabel ma jkompliha.

Ħafna kritiċi ta' l-arti jaqblu bejniethom li l-Aħħar Ċena ta' Leonardo da Vinci hija, bla ebda dubju, waħda mill-akbar konċezzjonijiet artistiċi li qatt inħolqu.


# P r i v a t

Fil-Matematika

• Forms 1 – 5

• Matsec O-level

• Pure Maths Advanced u Intermediate

**Post: Tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ**
**Tel: 21460289 / 99838806**

• Għat-tfal tal-Primarja

• Għaż-Żgħażagħ tas-Sekondarja (Matematika)

**Post: 100, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien**
**Tel: 21436090 / 79317436**

*Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf.*

# Dak it-Taraġ Qaddis!

minn Salvator Mousù



Il-knisja f'Ġerusalemm mibnija fuq il-post fejn kien it-taraġ qaddis.

Ovvjament bosta huma dawk li ma jafux liema jew x'inhu "Dak it-taraġ qaddis" imma żgur li bosta oħrajn jekk jorbtu din il-Ġimgħa Imqaddsa ma' Ruma – u l-maġġorparti tal-Maltin żgur li marru xi darba hemmhekk – bi ftit tal-ħsieb jobsru lejn x'hiex u għal x'hiex qed nirreferi.

U biex immorru dritt għall-post u r-raġuni ta' dil-kitba nitilqu bil-ħsieb lejn Ruma eżattament fil-pjazza fejn hemm iċ-ċelebri bażilika ta' San Giovanni in Laterano. Hawnhekk, faċċata tal-bażilika, jinsab "It-Taraġ" li ser nitkellmu fuqu u li hu appuntu "dak-it-taraġ qaddis" li huwa meqjus bħala it-taraġ li Ġesù, wara dak il-flaġellar kiefer, tela' u niżel minnu għal aktar minn darba għal quddiem Pilatu.

Hawnhekk mhux ser nidħlu fir-reqqezza storika jew dokumentata tal-awtentiċità tal-post bħala tali – bla dubju ix-xettiċi ma jniżżluhiex u wisq anqas dawk li ma jemmnu b'xejn. Imma għalina u għall-biċċa l-kbira tal-Maltin li kellhom, u għad għandhom, ix-xorti li jmorru jinvistaw u jitilgħu dan it-taraġ magħruf bħala il-qaddis, li hu fatt huwa, li bosta hawnhekk iħossu bħal sensazzjoni edifikanti u anki saħansitra jitqanqlu fihom sentimenti ta' devozzjoni lejn il-passjoni ta' Ġesù.

Immorru, mela kif għidt, f'Ruma fil-qrib tal "Omm u ir-Ras tal-Knejjes kollha" kif hinija, anki uffiċjalment, magħrufa il-bażilika ta' San Giovanni in Laterano, Hawn preċiżament fil-lokal kien inbena l-ewwel palazz tal-papat ġewwa Ruma u wara inbena kumpless li fih huma ġelożament kustoditi bosta relikwiji tal-passjoni ta' sidna Ġesù Kristu. Fost dawn ir-relikwiji, m'għandniex xi ngħidu, l-egħżeż waħda hija dik tat-taraġ li semmejna, aktar konoxxuta mit-Taljani kif ukoll minna il-Maltin bħala "La Scala Santa".

Din hija il-qofol tal-ġibda mill-aktar suġġestiva tal-kumpless kollu kemm hu u il-qalba ta' din l-attrazzjoni hi naturalment dik tat-taraġ innifsu, peres li kif għidt



*Disinn tat-"Taraġ Qaddis".*

hemm jinsabu bosta u bosta relikwiji oħrajn tal-istess passjoni.

Malli wieħed jidħol hawn mill-ewwel jintlaqat minn din li "Scala Santa" (i.e. it-taraġ qaddis) u li jekk jakkwista permess jista jitla fuqu għarrkubbtejh filwaqt li f'xi tarġiet jilmaħ bħal teki tondi tal-kristall li taħthom jingħad li hemm, jew setà kien hemm, xi traċċi ta' taqtiriet ta'demm li Ġesù stess kien ħalla improntati.

X'kien dan fl-oriġini? Dan kien it-taraġ tal-Pretorju jiġifieri dik il-parti tat-tribunal tal-maġistrati rumani u f'dan il-każ partikulari kien dak ta' Pilatu u li minnu tela' u niżel diversi drabi sidna Ġesù madwar elfejn sena ilu. Dan it-taraġ kien ġie trasportat minn ħadd ħlief Santa Elena innifisha minn Ġerusalemm u iddepożitatu fil-Lateran fis-sena tliet mija u sitta u għoxrin wara Kristu.

Huwa jikkonsisti fi tmienja u għoxrin tarġa tal-irħam li huma protetti minn daqstantieħor twavel tal-injam, peress li minn fuqhom għaddew mijiet ta' eluf ta' pellegrini matul is-sekli tant li 'il fuq minn elf sena ilu, eżattament fis-sena 850 il-Papa San Leone IV kien ordna li kull min jitla' dan it-taraġ irid ta' bilfors jitilgħu għarrkubbtejh b'sinjal ta' rispett. Issa immaġinaw li sakemm ħarġet din l-ordni tal-għarrkubbtejn kemm u kemm miljuni, biex ngħid hekk, ta' devoti għaddew u ħakkew minn fuqu bir-riżultat evidenti ta' kemm kien beda jittiekel u allura naraw il-bżonn tal-protezzjoni tal-injam. Dan l-użu ta' 'il fuq minn sbatax-il-seklu huwa prova, skond xi uħud, tal-awtentiċità ta' dir-relikwija tant għażiża. Saħansitra kien hemm xi arkitetti u arkeoloġi li studjaw bir-reqqa il-binja ta' Pilatu u sabu li effettivament dawn it-tmienja u għoxrin tarġa jiffittjaw bi preċizjoni ġewwa u mal-bażi tat-taraġ li għad hemm f'Ġerusalemm illum.

Kas ta' devozzjoni bħal din ma setax jonqos li ma tinbeniex kostruzzjoni denja fis-seklu sittax li hemm illum u ma setax ukoll jonqos li jakkumpanjawh kien hemm binjiet u lokalitajiet oħra ta' devozzjoni mill-aktar antiki, mill-isbaħ, u, fuq kollox, mill-aktar sagri. Hekk, per eżempju, kif tispiċċa l-aħħar tarġa ta' fuq nett, jinsab l-oratorju, jiġifieri post tat-talb, li fih taħt affresk kbir tal-Kroċefissjoni wieħed jaqra

kitba li bla dubju timpressjona lil kull viżitatur:

“NON EST IN TOTO SANCTIOR ORBE LOCUS”
jiġifieri
“Ma teżisti l-ebda lokalità oħra fid-dinja kollha li hija
aktar qaddisa minn dal-post.”

Forsi wieħed jista jikkummenta li hija espressjoni esaġerata imma bosta jqisuha li tabilħaqq hija hekk!

Il-kappella ċkejkna ta’ hawn fuq hi l-unika binja li baqgħet teżisti mill-Laterano Ruman tal-qedem. Fuq l-altar ta’ hawnhekk, sa miż-żerniq tal-Medjuevu, inġemgħu fdalijiet u rikordji mill-aktar għeżież tal-passjoni ta’ Ġesù.

Dawn ir-relikwiji kienu kollha ġew moħbija f’dik is-sena tal-orribbli sakkeġġ ta’ Ruma (il-famiġerat “Sacco di Roma”). Dawn tant kienu nħbew bil-għaqal li wara dak id-diżastru vandaliku, għalkemm bosta ftakru fir-relikwiji, però ħadd ma seta jsib irkabtu ta’ kif u fejn dawn ir-relikwiji setgħu nħbew. Iżda fis-sena 1904 il-patri ġiżwita Jubarn kien talab il-permess tal-Papa Piju X sabiex iħallih jagħmel l-operazzjoni tat-tiftix u skavar. Dur ’l hemm u dur ’l hawn huwa fl-aħħar iddeċieda li jaqsam u jħott l-altar antikissimu u fil-qalba tiegħu skopra kassettuni tal-ħadid li ma setà bl-ebda mod jiftaħhom. Intalbu l-għajnuniet ta’ ħaddieda speċjalisti rumani li damu tlett ijiem sħaħ jitħabtu biex iħollu il-bosta serraturi komplikati sakemm fl-aħħar instabu dawk it-teżori kollha li kienu dettaljatament dokumentati u katalogati tant sekli qabel.



Il-faċċata tal-bini f’Ruma
fejn jinsab it-“Taraġ Qaddis”.

Biex tinkuruna is-sagralità u l-istoriċità ta’ dan il-post hawn ukoll tinsab il-famuża immaġini hekk imsejħa ‘akerotipa’ tas-Salvatur; akerotipa tfisser li din hi opra li ma ġietx magħmulha jew impittra minn idejn umani. Skond leġġenda antika din kien abbozzaha ħadd ħlief San Luqa innifsu imma, kollu umiltà, kien qata’ qalbu kif setà tabilħaqq jesprimi l-immaġini ta’ Ġesù u allura, tkompli il-leġġenda, l-anġli kienu komplew dan ix-xogħol u lestewha huma!

Jeżistu diverżi tradizzjonijiet, leġġendi u stejjer oħrajn dwar dan il-post u ta’ dak kollu li fih. Hu x’inhu, veru jew le, l-importanti huwa li dan “l-iktar post qaddis tad-dinja” żgur li jġalna nidħlu fina infusna u jnebbaħna sabiex niftakru fis-saġrifiċċju estrem li sofra is-Salvatur tagħna permezz tal-passjoni inkomparabbli Tiegħu.

# Look after them
# You'll Never get another Pair!

K-OPTICS
OPTICAL CENTRES
*(London Qualified)*



FILA STING
POLICE
GIORGIO ARMANI
FURLA Chopard
VALENTINO
YvesSaintLaurent GUCCI
LA PERLA CELINE
Christian Dior ESCADA
ETRO
GIVENCHY
LOEWE
EMPORIO ARMANI

**Eye Testing By Appointment**

**100% Accuracy By One Of The Few Qualified Dispensing Opticians (FBDO London) In Malta**

**Guaranteed Service & Quality**

**Stunning Collection of Designer Brand Sunglasses & Spectacle Frames**

Sliema – *5, Windsor Terrace* **Tel: 2131 8771, 2132 2373**

Żurrieq – *28, Republic Square* **Tel: 2164 1052**

Żebbuġ – *No. 8 Triq Sant'Antnin* **Tel: 2146 7651**

Paola – *98, Żabbar Road* **Tel: 2180 4619**

Żejtun – *47, Triq Madonna Bon Kunsill* **Tel: 2182 1647**

Żabbar – *101/103, Triq il-Kunvent* **Tel: 2180 0870**

Gozo – *Tiġrija Palazz Complex* **Tel: 2156 4161**

*Email:* **info@k-optics.com**

*Website:* **www.k-optics.com**

# It-Triq tas-Salib u tal-Qawmien

*Riflessjonijiet dwar il-Passjoni,*
*il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu,*
*Mill-Kardinal Joseph Ratzinger (illum il-Papa Benedettu 16)*

**L-ewwel parti**

maqluba għall-Malti minn Philip E. Said, li għamel xi żidiet ħfief



## Introduzzjoni

Kienet għodwa tar-rebbiegħa u l-jum kien daħal ġmielu. Qegħdin x'imkien bejn is-sena 30 u 33 fl-era tagħna. F'waħda mit-toroq ta' Ġerusalemm, li għas-sekli li ġejjin se tibqa' magħrufa bħala 'Via Dolorosa', tidher isserrep proċessjoni qasira: mgħasses minn ġemgħa żgħira ta' suldati Rumani, jidher għaddej raġel ikkundannat għall-mewt, iġorr fuq spallejh il-'patibulum' tal-kundanna. Il-'patibulum' hu d-driegħ il-mimduda ta' salib li l-parti l-wieqfa tiegħu kienet diġa' f'postha qalb il-ġebel tal-għolja magħrufa man-nies bħala 'Golgota' bl-Aramajk u 'Kalvarju' bil-Latin, jiġifieri, l-imkien tal-qorriegħa.

Dan kien l-aħħar kapitlu ta' ġrajja personali, familjari ma' ħafna, li l-protagonista tagħha kien Ġesù ta' Nazzaret, il-bniedem imsallab u umiljat, il-Mulej Alla irxuxtat u glorjuż. Kienet ġrajja li bdiet fid-dalma tal-lejla ta' qabel, taħt il-friegħi tas-siġar taż-żebbuġ ġo ġnien jismu Ġetsemani, post it-tagħsir taż-żebbuġ… storja li ssoktat tiżvolġi bil-għaġla fil-kurituri tal-poter reliġjuż u politiku, li laħqet il-quċċata f'sentenza ta' mewt. Il-każ ta' dan l-ikkundannat, iżda, kien differenti minn dak ta' ħafna vittmi oħra tat-tortura brutali tal-kruċifissjoni li r-Rumani kienu jirriservaw għall-ilsiera u għal dawk li kienu jinstabu ħatja ta' delitti kontra l-Istat u l-imperatur. Il-kundanna għall-mewt ta' dan in-Nazzarenu ma kinetx l-aħħar kelma; lanqas il-qabar mogħti mill-ġid ta' Ġużeppi ta' Arimathea ma kellu jkun it-tmiem ta' dan id-dramm li għal ħafna kien jidher traġiku.

Kien għad fadal kapitlu ieħor, mhux mistenni, li għaġġeb 'il kull min sama'

bih: ir-raġel ikkundannat, Ġesù ta' Nazzaret, se juri bl-akbar mod ċar wiċċ ieħor, natura oħra, moħbijin taħt il-persuna umana, għal issa mfarrka, li tidher: il-wiċċ u n-natura ta' l-Iben t'Alla. It-tmiem ta' l-istorja ta' ħajtu mhux is-salib, lanqas il-qabar. Huwa d-dawl li jgħammex tal-qawmien glorjuż. Kif qal l-Appostlu San Pawl, ftit snin biss wara: dak li rrinunzja l-glorja biex sar bla ħila bħalna, u dak li ċċekken meta aċċetta l-mistħija tas-salib, kiseb mingħand Alla l-ogħla ġieħ tas-smewwiet u żżejjen bl-isem li hu fuq kull isem, maħtur sultan tal-ħolqien kollu, tal-istorja u l-eternità (ara Filippin, 2, 6-11).

Għal sekli sħaħ dawk li emmnu Fih imxew Miegħu it-triq tas-salib li twassal sal-għolja tal-kruċifissjoni, iżda dejjem b'ħarsithom imsammra fuq l-għan aħħari, id-Dawl tal-Għid. Għamlu l-istess vjaġġ bħala pellegrini fl-istess triq ta' Ġerusalemm, l-istess vjaġġ fl-ibliet u d-djar tagħhom: vjaġġ interjuri, spiritwali, ta' dlam u dawl. Għal bosta snin, kittieba u artisti – uħud magħrufa, oħrajn minsija – fittxew permezz tal-arti li jmissu l-qalb ta' dawk li mxew it-triq imwiegħra u glorjuża, it-triq tal-Golgota, tal-qawmien, fejn kull pass inbidel f'mument solenni ta' meditazzjoni u trasformazzjoni. Fil-letteratura u l-pittura, jerġa' jieħu l-ħajja d-dramm tal-fidwa, u bihom nerġgħu nimxu t-triq tas-Salib u naqbdu d-direzzjoni tal-ħelsien.

Bi ħsibijietna merfugħa 'l fuq, nagħmlu flimkien dan il-vjaġġ ta' talb u meditazzjoni. Ma nagħmluhx sempliċiment tifkira ta' ġrajja traġika imgħoddija, imma nħalluh ikun esperjenza ta' realtà storika u spiritwali li xxandar Dawl, Ferħ u Tama. Jista' jkun hemm min għadu jfittex it-triq qalb l-inċertezzi u n-nuqqas ta' ċarezza fi ħsiebu. Ħa jasal hu wkoll li jkollu t-tama li fiha konna meħlusa. U waqt li nkunu għaddejjin, pass wara pass, mill-mogħdija tat-tbatija u tad-dawl, ħa nisimgħu jidwu f'moħħna u nħallu jqanqlu 'l qlubna kliem l-Appostlu San Pawl: "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt, in-niggiesa tiegħek?... NIżżu ħajr 'l Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesu Kristu" (Kor. 15, 54-57).

Se jkun vjaġġ fl-uġigħ, fis-solitudni, fil-ħruxija tal-ħażin u l-mewt, iżda wkoll vjaġġ fil-fidi, tama u mħabba għax il-qabar mhux se jkun l-aħħar waqfa tagħna. Il-lejl jinbidel fis-sebħ tal-Għid, id-dawl tal-ferħ mill-ġdid jimliena, is-skiet iċedi għall-kelma tal-ħajja, u l-mewt tintrebaħ mill-qawmien għal ħajja isbaħ.

Agħtina, Mulej, id-dmugħ li jonqosna biex inkomplu naħslu dnubietna fil-mewt u l-qawmien Tiegħek. Roddilna l-kuraġġ biex nitolbuk il-ħniena ħa tinsa ħtijietna. Għinna nilqgħu l-istedina Tiegħek biex nimxu dejjem it-triq li terraqt Inti. Ħa jkollna stampata fina il-vera xbieha ta' wiċċek – il-Vera Ikona –biex naħsbu bħalek u nkejlu dejjem ħajjitna bil-kejl Tiegħek li mal-ħażin u l-preġudizzji ma jagħmel ebda kompromessi.

Wieqfa kienet, imbikkija,
L-Omm ħdejn Binha, fit-tbatija,
Fuq salib imdendel.

Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma
F'dak l-imrar bl-uġigħ mitmuma,
Nifed sejf in-niket.

Kemm tbatija f'qalb muġugħa,
Liema dwejjaq li jifnuna
Ħasset l-Omm imbierka!

X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija
Meta ratu fit-tbatija
L-Omm lil Binha Alla!

Qalb kull bniedem tħoss għaliha
Lil Omm Kristu, u kemm tibkiha
X'ħin taraha f'dil-ħasra!

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
X'ħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha
F'niket kbir ma' Binha?

Għad-dnubiet tal-poplu l-ħati,
Lil Ġesù hi ratu jbati
Taħt is-swat bla ħniena.

Rat lil Binha u baqgħet Miegħu
F'dak l-imrar tal-mewta TiegħU,
Waqt li ħarġet ruħu.

Omm u Għajn ta' mħabba għalija,
Ġagħalni nħoss dik it-tbatija,
Biex jiena nibki miegħek.

Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,
La tħalliha qatt tittabba'
Imħabbti għal Kristu.

Omm qaddisa, isma' talbi,
Dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi
T'Ibnek f'Ġesù msallab.



Aqsam miegħi dit-tbatija
Għal Ġesù, li mħabba fija
Xerred demmu kollu.

Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
Fis-salib nara ħtijieti,
Sakemm ngħix dil-ħajja.

Verġni mbierka, Omm qalbiena,
Uri miegħi din il-ħniena,
Sabiex inħoss fija l-indiema.

Fit-triq wennisni,
żommni sħiħ fil-grazzja;
Meta jmut dal-ġisem fqajjar,
Agħmel Int li jien nittajjar
Lejn is-sebħ tal-ġenna.

## L-Ewwel Stazzjon: Ġesù kkundannat għall-Mewt

**Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija? Weġbuh ilkoll: "Sallbu!" Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu "Sallbu!" . . . Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.**

*Mill-Vanġelu skont San Mattew (27: 22-23; 26)*

## Riflessjoni

Mulej, Imħallef ġust taż-żmien u tal-eternità,
Quddiem imħallef ieħor ta' din id-dinja waħdek tinsab wieqaf,
Imneżża' mill-unuri, sieket, bla ħadd jiddefendik.
Mhux għal kollox ħajjen, Pilatu li qed jiġġudikak,
Li Int bla ħtija jaf, u li jeħilsek li kieku jixtieq u jrid.
Minn żewġ ġibdiet iħossu imbuttat:
Li jeħilsek minn naħa, mill-oħra li ma jitlifx tal-ħakma l-ġieħ.
Fuq is-sewwa u l-ġustizzja, iżda, fih għelbu l-interessi personali,
B'għemilu baqa' jissemma mal-erbat irjieħ tad-dinja universali.
Lanqas il-folla mberhna li l-mewt qed tgħajjat Tiegħek
Mhi ħażina daqskemm fil-għajn qed tidher:
Tikkwieta għad f'jum il-Pentekoste
Meta lil Pietru Għalik jisimgħuh fis-sewwa jixhed
Li raK mislub, iva, iżd'issa meħlus mill-qabar.
Għalhekk, agħdirhom lil dawk fil-folla, Mulej,
Mitlufa wisq qed jgħajtu mhux kliemhom,
Iżda kliem iċ-ċorma f'sakra ta' rabja, aljenata.
Mirfusa l-ġustizzja taħt id-dgħjufija mbeżżgħa.
Twarrbet għal kollox ir-raġuni f'dawk li, għax setgħana,
Jimmanipulaw jafu l-imħuħ ta' nies bla ħila tagħhom u beżgħana.
Siket leħen il-kuxjenza mill-għajta kollettiva
Li b'saħħa trid tiddetta fuq il-massa bla ħsieb il-preġudizzji
Biex ma tħallix lill-individwu bid-dehen jagħżel 'il-ħati mill-innoċenti.
Int, Mulej, Sultan tas-slaten, tal-imħallfin Imħallef,
Bi skietek tisboq l-għajjat l-aktar imdagħdagħ,
U tibdel fil-profondità ta' mħabbtek
Kull dubju fis-saħħa taċ-ċertezza,
Tal-ħtija kull akkuża tibdel f'innoċenza.

## Talba

Mulej, Ġesù, ikkundannat għal mewt minħabba l-biża' tal-massa u l-interessi



tal-pożizzjoni soċjali, tħallix li qatt nifgaw il-leħen tal-kuxjenza, il-leħen Tiegħek fina. Kemm-il darba aħna wkoll ippreferejna s-suċċessi mill-verita, għażilna l-fama mill-ġustizzja? Saħħaħ fina l-leħen tal-kuxjenza. Ħares lejna kif ħarist lejn Pietru wara li ċaħdek. Ħalli 'l-ħarstek tinfed 'il qlubna sabiex turina d-direzzjoni li rridu nieħdu f'ħajjitna. Fil-jum tal-Pentekoste Int biddilt il-qalb ta' dawk li nhar il-Ġimgħa l-Kbira kienu qed jgħajtu l-kundanna għall-mewt Tiegħek. Fakkarna fit-Tama li salvatna. Tassew li fl-istorja għandna ħafna eżempji ta' nies innoċenti li ġew maħqura, ikkundannati u maqtula. Ġedded kollox fil-grazzja tal-konverżjoni, fit-tama tas-salvazzjoni, fl-imħabba tar-redenzjoni.

## It-Tieni Stazzjon: Ġesù mżeblaħ u nkurunat bix-xewk

**Imbagħad is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju, u ġabru quddiemu lil sħabhom kollha. NeżżgħuH, u xeħtulu fuqu mantar aħmar skur, u qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, xteħtu għarkupptejhom quddiemu u qagħdu jiddieħku bih u jgħidulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!" Beżqu fuqu, u ħadulu l-qasba minn idu u bdew jagħtuh biha fuq rasu. Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu. U ħaduh magħhom biex isallbuh**. Mill-Vanġelu skont San Mattew (27: 27-31)

## Riflessjoni

B'sultan taż-żufjett u b'impostur niesek għaddewk,
Iżda wara dan iż-żeblih, il-verità hemm mistoħbija –
Verità li tweġġa' għax jaffaċċjawha ma jafux u jaċċettawha ma jridux!
Kemm-il darba s-simboli tal-poter tal-kbar tad-dinja
Il-verità, il-ġustizzja, id-dinjità tal-bniedem
Iżebilħu jridu bla misthija u mogħdrija?
Kemm-il darba ċ-ċerimonji u kliemhom fieragħ
Jagħmlu minn dmirijiethom sagri parodija?
Iż-żeblih Tiegħek iċanfar il-kuxjenza mħassra ta' dawn, jaħasra,

*Għal kull xogħol ta' statwi*

kemm tal-Ġimgħa l-Kbira
kif ukoll statwi titulari

ċemplu fuq 79801464

**FREDDIE'S**

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa, żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals, sport shoes, minn ditti renomati, basktijiet ta' l-iskola, handbags u kartieri.

**Sciortino Street, Żebbuġ Tel: 2146 5915**

**FOOTWEAR**

Centre Point Stationery

Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Tel: 2146 1500
Stationery, Gifts, toys & Card Gallery

Naċċettaw il-credit cards ewlenin kollha.

Illi b'kapriċċ ikasbru bla xejn ma jimpurtahom id-drittijiet umani.
Hu propju fil-mument taż-żeblieħ, tal-kuruna tat-tbatija,
Li qiegħed tidher tal-ġustizzja u l-mogħdrija s-Sid,
Tal-verità u tal-imħabba s-Sultan li trid il-ġid.
F'idejk ix-xettru ma jfisser xejn ħlief il-ġustizzja
U x-xewk inigges tal-kuruna hu imħabbtek.
Ta' din l-imħabba d-dinja trid li tħallsek bit-tbatija,
Ta' dil-ġustizzja qed troddlok biss bl-imrar, bl-uġigħ u bil-kefrija.
X'inhi iżda it-tweġiba siekta Tiegħek?
Tal-vjolenza Int ma tafx tweġiba oħra jekk mhux l-imħabba u l-mogħdrija.
Erfajt b'salibek is-salib tagħna,
Għamiltu il-piż Tiegħek il-piż li kien jimmeritana.
Imkasbar miexi quddiemna u mtaqqal bi ħtijietna
Turina fl-istess waqt it-triq tal-maħfra ta' dnubietna.

## Talba

Mulej, Ġesù, li qgħadt għall-umiljazzjoni taż-żufjett b'tant skiet u sabar, għenna biex qatt ma nissieħbu ma' dawk li jħarsu bl-ikrah lejn min qed ibati għax hu dgħajjef, imweġġa', marradi jew bla leħen fis-soċjeta'. Għenna nħarsu fiss lejhom u naraw 'il wiċċek f'wiċċhom miksur u f'ħarsithom imdemmgħa. Agħmel li qatt ma naqtgħu qalbna quddiem min jirredikulana għax jarana nobdu l-liġi Tiegħek. Waqt li narawk iġġorr is-salib tagħna u tistedinna nimxu warajk, tina l-kuraġġ li nġorru s-salib bħalek minkejja l-ħajra fina li niskartawh għax nibżgħu minnu. Tħalliniex ingergru fil-kuntrarju jew li nitilfu l-kuraġġ fil-provi iebsa tal-ħajja. Għinna nimxu t-triq tal-imħabba, biċ-ċertezza li waqt li nimxuha, insibu fiha l-hena li Inti biss taf troddilna.



**Nota tal-editur:**

Minħabba t-tul, din il-kitba ġiet imqassma f'erba' partijiet li jidhru f'dan il-ktejjeb bejn is-snin 2010 u l-2013. Din hija l-ewwel parti.

ABRIGO
Caterers
Paris Street, Żebbuġ
Sciortino Street, Żebbuġ
St Thomas Street, Floriana
Phone: 2720 0797 / 7900 1864 / 7996 4993

Benjamina
Curtain Designs
Benjamina Attard
1, Saint Rocco Street,
Żebbuġ, Malta
Tel: 21 465810 Mob: 9982 9866

HABERDASHERY
*Heading tapes differenti tal-purtieri, freneż, tie backs, pipings – kollox pariġġ eċċ…*
Noffri servizz ta':
a) Tagħlim ta' purtieri u pavaljuni
b) Tfassil ta' purtieri għal min jaf iħit
ċ) Ħjata ta' purtieri u pavaljuni



# Il-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt: Ġrajja Kbira ta' Mħabba

minn Joe Flask



Mingħajr ma nagħmilha tal-għaref u fuq kollox mingħajr ma nipponta subgħajja lejn ħadd, nistqarr, li meta nħares lura lejn is-sena 2009 u nikkunsidra liema problemi gravi fil-qasam finanzjarju kellha tiffaċċja d-dinja ( u għadha!), jidħolli dubju qawwi. Fl-istess ħin nistaqsi: Ta' min hu t-tort? Jistgħu l-bnedmin jirrejaġixxu, u kif? Jista' jsir xi ħaġa biex l-ġens uman ma jiġix fix-xejn? F'kelma waħda, hemm soluzzjoni?

Kulħadd jaf li t-tort huwa ta' dawk li stagħnew malajr u mhux talli ma ammettewx l-iżbalji tagħhom, talli ħarbu qabel ma l-azjenda tagħhom ikkollassat. Kien għal nies ta' bla skrupli bħal dawn li ninsabu fiex ninsabu. Iċ-ċiviltà globalizzata li qed ngħixu fiha hija mmexxija minn persuni li għandhom il-kilba għall-flus u jaħsbu li s-setgħa ekonomika tiddependi biss minnhom. Dawn jemmnu f'teorija għal kollox żbaljata li: "kollox jiddependi mill-flus" mentri huwa eżattament il-kuntrarju. Il-flus jiksbu valur dment li jissarfu f'ħilet il-bniedem li jixtieq u jagħraf jirrejalizza il-ħtiġiet u x-xewqat tiegħu. Sfortunatament dawn il-persuni li jibbażaw in-negozju tagħhom fuq qliegħ illeċitu (droga, ħasil ta' flus eċċ.), idejoloġiji żbaljati, nuqqas ta' kultura storika u filosofika ħolqu biss gwaj għax qatt ma rnexxielhom jaqraw l-imgħoddi u jħarsu lejn il-ġejjieni. Bosta stennew li jqum xi ħadd u jagħti s-soluzzjoni. Intqal, inkiteb ħafna u...bqajna fejn konna! Il-bniedem, spiss, jara biss sal-ponta ta' mnieħru!

Li kieku kellna ninġabru ftit, fis-skiet, u naħsbu bis-serjetà, dlonk nintebħu li mal-elfejn sena ilu, dak ix-"xi ħadd" fil-fatt "qam" u kien protagonist ta' ġrajja kbira li qalbet il-mixja tal-istorja u tad-dinja, fi tmiem il-mixja tiegħu fuq din l-art. Ma kienx xjenzjat, ma kienx filosofu, ma kienx setgħan (almenu bħala bniedem), imma bħalma iddeskrivih il-kittieb Martin Buber: kien wieħed minn


Ilkoll għandna x-xewqat u l-bżonnijiet tagħna fi stadji differenti matul ħajjitna. L-HSBC qiegħed hawn biex jgħinna nwettqu l-ħolm tagħna, u jtina daqqa t'id, ikun x'ikun il-pass li jmiss.
Bis-self Flexicredit, inti tista' tissellef bejn €600 u €30,000 u tħallasna lura fuq perijodu massimu ta' 5 snin, u f'ħafna każijiet, aħna nistgħu nagħtuk is-self li għandek bżonn fi żmien siegħa. Kemm jekk ser tixtri karozza, ser issiefer jew ser tixtri għamara ġdida għad-dar tiegħek, kellem lilna l-ewwel.
Termini u kundizzjonijiet japplikaw.
Flexicredit
Ċempel 2380 2380
Żur hsbc.com.mt
Mur fl-eqreb fergħa
HSBC
Bank dinji, bank lokali


Emanuel & Joe Tanti
Plasterers
Kiri ta' High-ups
u Ġarr ta' Ramel
Mobile: 99499370
99499372

ulied Iżrael. Kien jismu Ġesù ta' Nazzarett. Minn fost il-Lhud kien hemm min għarfu bħala l-Messija filwaqt li oħrajn imbażżża' mill-ħiliet eċċezzjonali tiegħu, ippreferew jeħilsu minnu bl-aktar mod kiefer u baxx: arrestawh, sawtuh u qatluh billi dendluh ma' Salib. Tliet ijiem wara twettqet l-akbar ġrajja tad-dinja: Ġesù, qam mill-mewt! Irxoxta!

L-Għorrief Griegi mill-ewwel fehmu l-importanza ta' dik il-ġrajja u għarfu li, għalkemm kienet ġrajja inkredibbli, kollox sar biex "isseħħ l-Iskrittura". Dawk kollha li xhedu u rawh wara l-Qawmin glorjuż tiegħu mill-mewt, xandru t-tagħlim tiegħu: il-Bxara t-Tajba, l-Evanġelju, imsejjes fuq is-sigriet ta' din il-ġrajja: l-imħabba bla kundizzjoni, li wasslet biex Iben il-Waħdieni ta' Alla, rebaħ il-mewt u qam! L-imħabba li tfisser ftuh lejn għajrna, il-kontra tal-egoiżmu.

Ir-Rumani, għalk°°emm kienu magħrufin għar-rispett, anki jekk relattiv, li dejjem kellhom lejn ir-reliġjon ta' dawk li kienu jaħkmu fuqhom, ippersegwitaw lill-Insara, il-Kristjaniżmu, ir-Reliġjon ta' dawk li kienu jemmnu fil-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù, magħruf iktar bħala Kristu. Ir-rejazzjoni mhux tas-soltu tar-Rumani kienet minħabba li l-ewwel Insara kienu meqjusin bħala persuni sodi fil-fehma tagħhom u ħielsa minn kull irbit tad-dinja, għalhekk ma kienux disposti li jbaxxu rashom għas-setgħana (ir-Rumani), la bis-sewwa u tant anqas bid-dnewwa. Ta' min iżid li s-Soċjetà Rumana kienet imsejsa fuq ix-xogħol tal-ilsiera, għaldaqstant, ir-Rumani, ma setgħu jaċċettaw qatt, it-twemmin li l-bnedmin huma kollha xorta, aħwa tal-istess familja. Madankollu, maż-żmien, il-ġrajja tal-Qawmien, kellha impatt kbir fuq l-Imperu Ruman li baxxa rasu u għamel tiegħu it-Twemmin Nisrani. Apparti r-Rumani, anki dawk kollha li ma kienux jemmnu fi Kristu, baqgħu xorta waħda imsaħħrin mid-Duttrina imnissla minnu: duttrina ibbażata fuq il-paċi u l-kollaborazzjoni. Minflok gwerrer u ġlied kienet tgħallem il-ħtieġa tad-djalogu, tal-ftehim, il-ħila li l-bniedem iħares lil hinn minnu, ħbiberija u ferħ bejn il-bnedmin kollha.



Effettivament il-ġrajja tal-Qawmien tfisser ħajja imsejsa fuq il-ħsad ta' frott l-imgħoddi u ż-żriegħ għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni, proċess dejjiemi ta'



Mob:9940 9332
Mob:7941 0582

**RAYMOND FENECH**

Funeral & Mini bus Service
**24 Hour Service**



**Express**

Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**



ħsibijiet ta' mħabba u ta' ħajja ferriħija. Xejn ma nbidel, anki tul iż-żminijiet mudlama tal-Kristjaniżmu, minkejja l-għadd ta' dawk li ċaħdu l-fidi tagħhom (illum ukoll għad hawn) u ma baqgħux iħarsu il-Kelma ta' Kristu, jew ħarġu mill-Knisja imwaqqfa minnu. Il-ħsieb, l-imħabba, il-mewt kiefra u l-Qawmien mill-mewt tal-Bniedem Ġdid, taw frott, li ebda ġenerazzjoni, waħedha, qatt ma setghet tikseb.

Il-bniedem modern, tal-lum, tilef kull sens storiku u persunali tal-Ġrajja tal-Qawmien, li għadha attwali anki jekk seħħet eluf ta' snin ilu. Ma għandux ħjiel kif se jegħleb in-nuqqasijiet tiegħu, u minflok jara x'jagħmel jibqa' fil-ġenb, jgħix il-ġurnata. Bl-għammad quddiem għajnejh jasset fil-ħwejjeġ fiergħa li toffri id-dinja materjali, tal-flus, bl-illużjoni li xi darba jew oħra, isir sid anki ta' ġid li mhux tiegħu. Fl-istess ħin, iżda, moħħu jitqal, jissuspetta minn kulħadd, jitlef il-fiduċja anki ta' dawk ta' madwaru, tal-istess familjari, tal-qraba u tal-ħbieb, jinħakem minn ħsibijiet koroh (serq, attakk, mewt...), jispiċċa biex isir paranojku, qagħda tipika ta' min jieqaf iħares 'l quddiem, ta' min m'għandux ħila jgħix il-ħajja bil-ferħ.

Nikkonkludi billi nerġa' naqbad mar-riflessjonijiet tal-bidu u fuq it-tagħlim tal-Għorrief tal-imgħoddi, anki ta' wħud ta' żmienna, ejjew nieqfu nilmintaw u neqirdu. Ma jiswa xejn! Ejjew nintrefgħu mill-art, inħarrsu 'l fuq, u niskopru mill-ġdid il-Ġrajja tal-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt, il-milja tal-Fidwa, li ħelset lill-bniedem mid-dnub. M'hemmx bżonn studji għoljin, meditazzjonijiet profondi, kitbiet fit-tul jew priedki li ma jispiċċaw qatt. Biżżejjed li kull wieħed minna, minflok iħaddan għanijiet egoistiċi u setgħana, jew jagħmel għażliet qarrieqa u jippreferi soluzzjonijiet fiergħa għall-ħajtu, jinġabar ftit għalih waħdu u fis-skiet tal-qalb jixtarr sewwa x'effett tista' tħalli fuqu, illum stess, il-Ġrajja tal-Irxoxt, li xandrilna il-Kelma t-Tajba. Min jaf, bħalma ġara lil Pawlu ta' Tarsu fi triqtu lejn Damasku, dawl kbir, forsi, għad jista' jbiddel anki ħajjet il-bniedem modern, li sfortunament huwa "marid gravi" għax jaħseb li għandu kollox imma nieqes minn ħajja ta' ferħ u ta' paċi, bniedem li tilef il-fiduċja fih innifsu, qata' jiesu li xi darba jerġa' jkun dik il-ħlejqa li "Alla ħalaq fuq xbihietu" (Ġen 1, 27).

**GAETANO CARUANA LIMITED**

GCL Buildings,
Triq ix-Xgħir,
c/w Mdina Road,
Żebbuġ ŻBĠ 05, Malta
**Tel: 2146 0881/2146 2720**
**• Fax: 2146 5824**
**• Mob: 9949 3047**
Email:gcl@gaecar.com
www.gaecar.com
Representative –
Importers – Distributors

Drip Irrigation Systems • Filtration Equipment for Drip Irrigation • A complete range of ROTARY CULTIVATORS for every use • 4-stroke ENGINES applicable to most agricultural and industrial machinery • A wide range of WATER PUMPS with different properties for the right choice • Heavy duty suction and delivery WATER HOSE • Petrol/Parrafin–Diesel GENERATORS from 2KVA up to 700KVA • Comprehensive range of CHAIN SAWS equipped also with special carbite chain and heavy duty filter for stone cutting • Polyurethane pipes and fittings for irrigation • Marine engine with power from 10.6HP up to 615 HP.



# Il-Funzjonijiet Liturġiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa matul iż-Żminijiet

Kitba ta' Philip Agius

Il-Knisja Kattolika Apostolika Rumana minn żmien għal ieħor taġġorna l-mod ta' kif twettaq iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħha sabiex il-membri jieħdu l-akbar ġid spiritwali minnhom. Ir-randan jippreparana għat-tifkiriet tal-misteru profond tal-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù.






Għadd ta' kittieba antiki wrewna li l-popli nsara ta' kull żmien kellhom wisq għal qalbhom it-tifkiriet ta' dal-misteru. Ġieli l-jiem ta' Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid kienu jiem ta' btajjel pubbliċi li l-knisja kienet tittratahom bħala jiem għeżież ta' tridu għall-Ħadd tal-Għid il-Kbir. Kienu jiem meta ma jiswiex xogħol u għalhekk il-funzjonijiet kienu jsiru fil-għodu.

Ġara iżda li fl-1642 laħaq il-quċċata tiegħu bosta tibdil soċjali konsegwenza ta' żjieda qawwija fil-faqar. Dawn il-ġranet ta' btala kienu saru ta' piż żejjed fuq il-familji billi l-ħaddiema ma kienux jitħallsu. Fil-waqt li l-festi kmandati kienu ddaħħlu bil-għan li l-ħaddiema jkollhom ftit jiem ta' mistrieħ fi żmien meta l-ħinijiet tax-xogħol kienu twal u meta ftit li xejn il-ħaddiema kien jibqgħalhom ħin liberu, issa dawn il-ġranet bdew jinħassu ta' piż minħabba n-nuqqas ta' dħul finanzjarju. Minħabba f'hekk il-Papa Urbanu XIII, neħħa l-obbligu li jiġu mħarsa dawn il-jiem bħalma jsir fi festi kmandati. Dan għamlu minkejja li issa l-ħaddiema ma kienux se jkunu jistgħu jattendu għall-funzjonijiet liturġiċi fil-knisja. Għaddew aktar minn tlett mitt sena qabel ma' l-knisja irrevediet dawn il-funzjonijiet. Kien il-Papa Pjiu XII li bid-digriet tas-16 ta' Novembru 1955 irriforma iċ-ċelebrazzjonijiet u ordna li jibdew isiru fil-għaxija biex il-poplu jkun jista' jieħu sehem sħiħ fihom. Dan kien ukoll jissodisfa lill-istudjużi billi l-funzjonijiet ġew jikkorrispondu aktar mill-qrib mal-ħin reali li fih twettqgħet il-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Kristu.

Għad hawn ħafna fostna li jiftakru sewwa din il-bidla. Imbagħad aktar tard saret bidla oħra mportanti. Minflok il-Latin daħlet il-lingwa tal-post – fil-każ tagħna il-Malti. B'hekk stajna nifmhu x'inkunu qed ngħidu u xi jkun qed jgħid iċ-ċelebrant. Il-liturġija bdiet tinftiehem aħjar. Dan sar bħala riżultat tal-Konċilju Vatikan II li kien inbeda mill-Papa Ġwanni XXIII u ntemm mill-Papa Pawlu VI fis-snin sittin tas-seklu għoxrin.

Jeff's Pastizzeria

F1, Triq il-Kbira, Żebbuġ ZBG 1309
**• Mob: 9989 2821**

***Pastizzi • Pastizzi Tondi • Qassatat • Qassatat Inċova • Pizza Kwadra u Pizza Tonda • Timpana • Ross • Sausage Rolls • Meat, Chicken u Burger Pies • Ham & Cheese • Arancini • Quiche Lorraine • Ravjul u Għaġina eċċ***

Naċċettaw Ordnijiet għall-*Parties*.

Fashon

Love fashion
Vjal il-Ħelsien Żebbuġ ZBG 03
Tel: 2720 6979



If you're a size 16-32 and looking for the latest in ladies fashion, you'll Love Fashion. Dealing exclusively in larger sizes (16-32), we bring you an outstanding range of stylish, feminine fashion.

Our plus size fashion gives you choice style and value



# Il-Vari tal-passjoni ta’ Ħaż-Żebbuġ

Kitba ta’ Joseph C. Camilleri



Biex wieħed jifhem l-iżviluppi li saru fil-vari tal-passjoni ta’ Ħaż-Żebbuġ, wieħed jrid l-ewwel jara dak li seħħ fuq skala nazzjonali. Sas-sena 1960 is-sett tal-vari f’kull belt u raħal kien ta’ tmienja. L-uniku eċċezzjoni kienet Ħal Qormi fejn konna nsibu 9 vari. It-tmien vari kienu l-Ort, il-Marbut, L-Ecce Homo, il-Veronika, r-Redentur, il-Vara l-kbira, l-Monument u d-Duluri. Kull vara kien ikollha l-ammont ta’ figuri stabbiliti. L-Ort kien ikollu 2 figuri. Il-Marbut, l-Ecce Homo, l-Veronika u r-Redentur kien ikollhom figura waħda. Il-Vara l-Kbira kien ikollha 4 figuri waqt il-Monument 5 figuri u fl-aħħarnett id-Duluri żewġ figuri u salib.

Fis-snin sittinijiet bdew deħlin l-iżviluppi. Skont l-istudjuż Dr Joseph F Grima kien hemm tliet żviluppi. L-ewwel kien hemm id-dħul tal-istatwa ta’ Ġuda. Sa dik is-sena Ħal Qormi kienet l-uniku lokalitá li kellha din it-tip ta’ vara. It-tieni zvilupp kien id-dħul ta’ vari li qatt ma kienu diġá dehru. It-tielet u l-aħħar żvilupp kien elaborazzjoni fuq il-vari stabiliti. Issa Ħaż-Żebbuġ x’ġara?



## Is-sitwazzjoni fis-sena 1960

F’Ħaż-Żebbuġ kien hemm tmin vari, it-tmin vari tradizzjonali. Kien hemm ukoll vara unika. Din kienet il-vara tad-Duluri. Vara tradizzjonali tad-Duluri jkun fiha żewġ figuri – il-Madonna u San Ġwann jew il-Madonna u anġlu. Flimkien ma’ dawn kien hemm dejjem salib bla figura li kien ikun hemm miegħu sellum u lizar. Il-vara tad-Duluri ta’ Ħaż-Żebbuġ fiha 3 figuri flimkien ma’ salib, sellum u liżar. Dawn il-figuri huma l-Madonna, San Ġwann u anġlu. Bil-mod il-mod kien qed jinħass




Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

# Caterers for all Functions

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2144 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop) — Mob: 9944 3394**

il-bżonn ta' riformi fil-purċissjoni tal-passjoni f'Ħaż-Żebbuġ. Din ir-riforma waslet permess ta' żewġ affarijiet. L-ewwel id-dħul tal-persunaġġi fil-purċissjoni u t-tieni d-dħul ta' żviluppi fil-vari tal-passjoni. Dawn iż-żewġ affarijiet bidlu din il-purċissjoni mil-lejl għan-nhar.



## Il-vari tradizzjonali

Fis-sett vari preżenti f'Ħaż-Żebbuġ insibu ħames vari tradizzjonali li baqgħu bla tibdil. Dawn huma l-Ort, ir-Redentur, il-Vara l-Kbira, l-Monument u d-Duluri. Fil-vara tal-Ort naraw lil Kristu fl-Ort jegħreq l-għaraq tad-demm. Din il-vara daħlet fis-sena 1955 għaliex il-vara ta' qabel kienet tmermret u ma kienx hemm tama li din kienet tista' tiġi restawrata. Il-vara presenti saret minn Ġużeppi Caruana u qamet madwar 204.65 ewro. Din il-vara turi lil Kristu fuq ix-xelluġ u anġlu fuq il-lemin. Dan l-anġlu qed iżomm il-kalċi u s-salib. L-aktar ħaġa importanti hija l-ħarsa ta' Ġesù lejn l-anġlu. Matul il-purċissjoni din il-vara tkun armata permess ta' siġra taż-żebbuġ.

It-tieni vara tradizzjonali hija r-Redentur. Din hi xogħol Spanjol u saret fis-sena 1960. Swiet 302.33 ewro u saret mill-injam. L-istil tar-Redentur hu wieħed tradizzjonali iżda l-pożizzjoni tiegħu hija differenti. Naraw lil Kristu qed iħares 'l quddiem u lest li jqum biex ikompli l-mixja tiegħu lejn il-Kalvarju. Skont Brian Bonnici, l-Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, Dun Anton Galea, kien ordna vara tar-Redentur tal-prima kwalitá. Hu ma kienx jaf li għall-Ispanjoli dan kien ifisser li din il-vara tkun induratura bid-deheb. Tant meta l-importatur, d-ditta Theuma tal-Belt Valletta, kienet ġabitu Malta, Dun Anton Galea induna li din kienet indurata u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li din il-vara tkun miżbugħa mill-ġdid. Billi din kienet waslet matul il-ġimgħa mqaddsa, din il-vara kellha tistenna sena biex tinħareġ fil-purċissjoni tal-passjoni.

Il-Vara l-Kbira hija wkoll waħda tradizzjonali. Naraw lil Kristu msallab u fuq in-naħa tal-lemin hemm il-figuri tal-Madonna u San Ġwann u fuq in-naħa l-oħra hemm Marija Maddalena. Din tinsab għarkobbtejha. Din hija vara tas-sett oriġinali. Skont l-istudjuż Brian Bonnici, Kristu jidher fl-aħħar sigħat tal-agunija qed iħares lejn is-sema. Xi wħud jgħidu li wiċċ Kristu minkejja t-tbagħtija jidher rebbieħ. It-terħa ta' Ġesù turi li kien hemm xi ftit riħ.

Il-monument għandu korp li jmur lura għas-sena 1960. Dan li sewa 232.56 ewro,

# Żebbuġ Video Rental

**Vjal il-Ħelsien Żebbuġ**

*Tel: 2146 8835*

No. 1 for new releases DVDs
We also have: telephones bombox, stereos, stereo systems, cd players, dvd players, hifi accessories and also coloured photocopy service.

## ŻEBBUĠ STATIONERY & NEWSAGENT

*Passport photos, digital cameras & accessories, silver gifts, frames, albums, souvenirs, developing of films, transfer of movie films and videos to dvd's and more*

**New**

Printing of digital photos from all type of memory cards and from mobile phones while you wait.

**Sciortino Street, Żebbuġ. Tel: 2146 6076**

# Vanity Fare



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories

109, Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta
*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

hu xogħol l-iskultur pontifiċju Ferdinando Perithoner, artist minn Bolzano l-Italja. L-urna saret fl-1940 u x-xogħol sar fuq disinn tal-Professur Ġorġ Pulliċino. Ix-xogħol fl-injam sar minn Saver Micallef, mastrudaxxa. Sew Pullicino u sew Micallef kienu Żebbuġin. Fl-imgħoddi l-monument kellu erba' inċensieri. Meta dawn tneħħew erba' figuri ta' anġli ħadu posthom. Is-sodda tal-monument hija mżejna bid-drapp tal-bellus u galluni tad-deheb. Dan kien restwarat mid-ditta Darmanin tal-Belt Valletta u sewa 302.33 ewro.

Id-Duluri turi tlett figuri. Fuq naħa waħda hemm il-figura tal-Madonna u fuq in-naħa l-oħra hemm dik ta' San Ġwann. Bejn dawn iż-żewġ figuri hemm figura ta' anġlu. Din il-vara ġiet ordnata mingħand Saverio Laferla. F'dawk iż-żminijiet dan l-artist kien kiseb ċertu fama bil-vara tad-Duluri tal-Belt Valletta. Din hi xogħol fil-kartapesta. Is-salib oriġinali tagħha kien tal-ebbanu. Kien jintuża wkoll fil-vara tal-festa tas-Salib li kienet tiġi ċelebrata fit-3 ta' Mejju. Skont Brian Bonnici dan is-salib inbidel minħabba t-toqol tiegħu. Dan is-salib il-ġdid kien wieħed tal-kawba. Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin din il-vara bħall-kumplament tas-sett ġiet modifikata u mpittra mill-ġdid minn Ġużeppi Caruana.

## Il-vara ta' Ġuda – l-ewwel żvilupp

Fis-sena 1903 Ħal Qormi daħħal il-vara ta' Ġuda. Din il-vara damet ma daħlet f'parroċċi oħra f'Malta tant li kien iż-Żejtun, it-tieni wieħed li daħħalha fis-sena 1961. Sentejn wara naraw din il-vara fil-Mosta u fl-1964 daħlet fix-Xagħra. Raħal Ġdid daħħal din il-vara fl-1971 u Bormla daħħlet l-ewwel vara ta' Ġuda fis-sena 1972. Sena wara daħlet fil-purċissjoni ta' Ħal Luqa u fl-1975 daħlet fin-Naxxar. Ħaż-Żebbuġ daħħal din il-vara fis-sena 1978 u l-aħħar purċissjoni li daħħlet din it-tip ta' vara kienet dik tar-Rabat (Malta) fl-1982. Meta l-Mosta daħħlet il-vara tagħha, Gerolamo Dingli daħħal it-tielet figuri f'din il-vara. Din kienet il-figura ta' Lhudi. In-Naxxar għamlu bħalhom iżda minflok il-figura ta' Ġuda daħħlu dik ta' San Pietru. Din saret minn Wistin Camilleri meta kien imdaħħal fis-snin sewwa. L-istess ħaġa għamlu ż-Żebbuġin. Daħal għal dan ix-xogħol Gerolamo Dingli. Inħadmet fi żmien li Dun Salvin Micallef kien prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, li saret minn Wistin





*MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 2123 0301**
**Fax: (+356) 2123 0301**

***Day Trips Special***

*Pick 'n Save*

Monday to Friday
Open All Day
7am till 7.30pm
Saturday 7am – 1pm

*Pick 'n Save*

**€15.00**
**DISCOUNT CARD**

**58, Triq Dun Filippu Calleja, Żebbuġ**

Tel: 27014234

Camilleri meta kien imdaħħal fis-snin sewwa. Din il-vara swiet l-ekwivalenti ta' 1162.79 ewro.

Skont Brian Bonnici, iż-Żebbuġin kienu ilhom ibernu biex ikollhom il-vara ta' Ġuda. Il-prokuratur ta' dawk iż-żminijiet Dun Anton Galea kien jgħid: 'It-traditur ma jidħolx fil-knisja'.

## It-tieni żviluppi

Mis-sena 1961 bdew vari li qatt ma dehru fil-purċissjonijiet tal-passjoni. L-ewwel pass kien ittieħed minn Ħal Qormi billi fl-1961 daħħal il-vara tal-Aħħar Ċena u l-vara ta' Ġesù jiltaqa' ma' Marija. Dawn kienu xogħol Salvatore Bruno minn Bari l-Italja. Ħaż-Żebbuġ ukoll kellu sehem. Din id-darba mexa fuq il-passi taż-Żejtun u daħħal il-vara ta' Xmun minn Ċirene. L-ewwel vara ta' din it-tip daħlet fiż-Żejtun fl-1962 u kienet xogħol Angelo Capoccia minn Lecce l-Italja. Wara kien Ħaż-Żebbuġ li daħħal din il-vara u wara Ħal Qormi li daħħal din il-figura fil-vara tal-Veronika. Fil-vara Żebbuġija naraw lil Xmun flimkien ma' Xandru u Rufu li f'idejhom hemm l-għodod tal-biedja. Xmun jidher qed jerfa' s-salib u fl-istess ħin qed jitkellem ma' Ġesù. Wieħed mit-tfal jidher imbeżżá. Din il-vara hija tal-kartapesta u swiet 581.40 ewro. Skont Brian Bonnici l-artist kien inspirat mill-pittura tal-Via Sagra li kien għamel il-pittura Taljan Conti u li llum tinsab fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Is-salib ta' din il-vara sar minn Filippu Camilleri u huwa tal-kawba.

## L-aħħar żvilupp

L-aħħar żvilupp fil-vari tal-passjoni kien elaborazzjoni tal-vari tradizzjonali. Dan il-pass kien meħud miż-Żejtun fis-sena 1962 meta daħħal il-vara ta' Pilatu u Kristu. Barra ż-Żejtun kien hemm Ħal Qormi li fl-istess sena daħħal vara tal-Marbut u Ecce Homo li kellhom aktar minn figura waħda. Dawn iż-żewġ vari tbidlu fis-sena 1981 u





# SRA Trading



DETERGENT SHOP &
AGENTS OF "LUNA" MAKE-UP

*The Right Place for the Right Prices!!*

*Come and visit us at St. Mary Street, Żebbuġ*
*Tel: 21461197*

# T' Emelda
## Butcher Shop




**Isabelle Bezzina**

**Tel: +356 2746 6389**

T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ŻBG 2490





1982. Ħaż-Żebbuġ għamel xi tibdil fil-vari tradizzjonali tal-Marbut u tal-Ecce Homo kif ukoll il-vara tal-Veronika.

Iż-Żebbuġin żammew il-figura tradizzjonali tal-Marbut u żiedu miegħu l-figura tal-maniġold. Naraw lil Kristu marbut mal-kolonna li tinsab warajh. Din il-figura hija tas-sett oriġinali. Ma nafux minn ħadem din il-figura u l-anqas kemm qamet. Il-figura tal-maniġold hi xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi. Dan sar fis-sena 1985 u sewa 813.95 ewro. Ta' min jgħid li Camilleri Cauchi rrestawra il-figura kristoloġika wkoll.

Il-vara tal-Ecce Homo kien fiha figura waħda, Kristu bil-qiegħda nkurunat bix-xewk u bil-porpra. Wara daħlu figura ta' suldat ruman. Dan hu xogħol tal-1987 u sar minn Michael Camilleri Cauchi. Il-figura tas-suldat qamet 813.95 ewro. Maż-żmien żiedu żewġ figuri oħra. Daħlu l-figura ta' Pilatu u paġġ. Dawn iż-żewġ figuri jinsabu fuq taraġ. Dan il-grupp issa hu l-aktar wieħed f'Malta li għandu figuri.

Il-Veronika ta' Ħaż-Żebbuġ tixbaħ ħafna l-vara tal-Veronika ta' Bormla. Skont Brian Bonnici, dawn iż-żewġ vari jgħidulhom tewmin. Il-figura tal-Veronika hija tal-kartapesta u saret fl-1954 minn Ġużeppi Caruana. Din saret biex tieħu post il-Veronika li kienet saret fl-1826. Il-Veronika ta' Ġużeppi Caruana kienet qamet 116.28 ewro. Il-figuri l-oħra, jiġifieri l-mara ta' Ġerusalem u Kristu mgħobbi bis-salib saru fl-1990 minn Michael Camilleri Cauchi u swew 2267.44 ewro.

## Konklużjoni

Ħaż-Żebbuġ kellu sehem kbir fl-iżviluppi kollha seħħew fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ħa sehem bid-dħul tal-vara ta' Ġuda. Meta Dun Salvin Micallef ħa t-tmexxija tal-prokuratura mingħand Dun Anton Galea, din il-vara daħlet. Ma daħletx fuq l-istil Qormi iżda ż-Żebbuġin ħadu l-inspirazzjoni minn dak li kien għamel Gerolamo Dingli għal Mosta u dak li kien wettaq Wistin Camilleri fin-Naxxar. L-istatwa ta' Wistin Camilleri aktar kienet għamlet ħoss milli l-istatwa ta' Gerolamo Dingli. Tant li ħafna jgħidu li l-istatwa ta' Ġuda tan-Naxxar hija kapolavur ta' Wistin Camilleri.

Iż-Żebbuġin daħħlu wkoll statwa ġdida għal kollox fix-xena Maltija , dik ta' Xmun minn Ċirene. Iż-Żejtun daħħal l-ewwel din it-tip ta' vara. Din turi li mhux dejjem


White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com



# QUALITY LINE LTD

Mdina Road, Żebbuġ ŻBĠ 3201 Malta

Tel: 2731 8327
*Email: qualityline@melita.com*

## QUALITY LINE LTD

*Discover a new world of stylish doors*

Quality Line Ltd offers a wide selection of locally manufactured and imported doors starting from only €290.00, our range consists of solid doors in any wood species you desire, modern glass doors with a vast selection of glass designs and laminated doors with a solid core construction.

Our showroom is situated in Żebbuġ next to Mikiel Anton Vassalli monument, you will be able to view a wide selection of doors and door accessories on display.



**Opening Hours:**
***Mon – Fri***
8.30am – 19.00pm
***Sat***
8.30am – 13.00pm






ELOUNI TRADING



ELOUNI TRADING

51, Elouni. Triq il-Qamħ, Żebbuġ ZBG 1753
Tel/Fax: **21 464 183** Mob: **99 885 267**





iż-Żebbuġin ħadu l-ideat tagħhom għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn Ħal Qormi. Billi Ħal Qormi u ż-Żejtun kienu tellieqa għall-iżjed tibdil fis-snin sittinijiet, iż-Żebbuġin daħħlu l-vara ta' Xmun u kien Ħal Qormi li wara ħafna tibdilijiet mexxa fuq il-passi ta' Ħaż-Żebbuġ billi żied din il-figura fil-vara tal-Veronika.

L-aktar li Ħaż-Żebbuġ jispikka kien fl-iżviluppi elaborati tal-vari tradizzjonali. Ħaż-Żebbuġ ma għamilx bħal Ħal Qormi li biddel il-vari tiegħu. Dan forsi seħħ għaliex il-vari l-ġodda li kien daħħal ma tantx kienu sodi. Ħaż-Żebbuġ mexa differenti. Hu uża l-vari tradizzjonali tal-Marbut, tal-Ecce Homo u tal-Veronika u żied magħhom il-figuri. Tant kemm żied il-vara tal-Veronika hija l-aktar waħda elaborata li hawn f'Malta.



## X'ma għamilx Ħaż-Żebbuġ

Ħaż-Żebbuġ aċċetta l-vara tal-Ort kif kienet – figura ta' Ġesù u anġlu. Ma ħa l-ebda idea tal-Ort ta' Ħal Qormi jew ta' Bormla fejn naraw tliet figuri – minflok anġlu wieħed hemm tnejn. Il-Vara l-Kbira baqgħet l-istess. Ma daħħal l-ebda suldat f'din il-vara bħalma għamlu n-Nadurin. Il-Monument u d-Duluri baqgħu l-istess u l-istess ħaġa r-Redentur. Ta' min jgħid li sew iż-żewġ lokalitajiet li daħlu ħafna riformi ma għamlux tibdil f'dawn il-vari. Forsi l-poplu Malti jara lil dawn il-vari bħala vari stabiliti u wieħed ma jistenniex tibdil fihom. Ir-Redentur tal-Isla hu wieħed li jiġbed devozzjoni kbira u hu




# EMAN SILV Bezzina



THE ROSE SHOP



24 HOURS DELIVERY
SERVICE 7 DAYS A WEEK

NEW STREET QORMI QRM 07
TEL: 21 483 341
RAY: 99 458 532
MIKE: 99 466 696

FLOWER GROWERS, FLOWER ARRANGEMENTS FOR WEDDING, ENGAGEMENTS, PARTIES ETC. FRESH & ARTIFICIAL FLOWERS AND PLANTS FOR HIRE, INVITATIONS, SOUVENIRS AND ACCESSORIES FOR EVERY OCCASION.

Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17, N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta
Tel: 2146 6615



BOV Home Loan Package for First-Time Buyers

a step closer to home

At BOV, we can help you make the process of buying your first home as easy as possible - that is why we offer you great rates, no processing fees, 50% discount on the Bank's legal fees and a term of up to 40 years.

Our flexible home loan for first-time buyers will make it much easier for your first home to be in your sights.

Apply online at www.bov.com

Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms & conditions apply.
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal





ferm popolari fost il-Maltin. Forsi din il-vara żammet fil-moħħ il-Maltin li l-aħjar ħaġa hi li din tibqa' weħidha. L-istess storja naraw fil-Vara l-Kbira. Din kienet kbira biżżejjed u ma tantx tiflaħ għal xi figura oħra. Il-monument baqa' l-istess. Il-monument li għandha l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Katidral ta' Għawdex minkejja l-ideja radikali ftit kisbet fama. Id-Duluri baqgħet l-istess. L-ideja tad-Duluri tal-Belt Valletta, Duluri ferm popolari fost il-poplu Malti daħlet fil-qalb tal-poplu u stabbilit ruħha fil-moħħ il-Maltin.

Ħaż-Żebbuġ għamel ħafna tibdiliet. Minkejja dawn l-iżviluppi kollha Ħaż-Żebbuġ ma baqgħax passiv bħalma għamlu l-prokuraturi tal-purċissjoni tal-Belt Valletta, l-Isla, l-Birgu, l-Għargħur, Ħal Għaxaq x-Xewkija u San Ġorġ Rabat Għawdex. Ħaż-Żebbuġ ħa ideat iżda ta wkoll. Dan kien mistenni għaliex jekk il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma daħħletx dawn it-tibdilijiet sew fil-vari u sew fil-persunaġġi din il-purċissjoni kienet tispiċċa darba għal dejjem. Ħaġa li ħadd ma jridha.

**Referenzi:**

Joseph F Grima, The Iconography of the Maltese Good Friday Processional Statues: Their development between 1960 and 1984, Proceedings of History Week 1984

Rev Joachim Schembri, Good Friday Procession at Qormi, Malta 1969

Anon (forsi Dr J F Grima), Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, Ġens Speċjali 23-III-1989

Joseph Mizzi, Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ, Good Friday at Żebbuġ, Sebio's Photo Studio, Malta 1992

Dun Salvin Micallef, Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ, Leħen il-Belt de Rohan, Frar-April 1975

Mario T Bonello, Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ. Leħen il-Belt de Rohan, Marzu/April 1973

Joseph Micallef, Purċissjoni dejjem isbaħ, Leħen il-Belt de Rohan, Frar/April 1975

Brian Bonnici, Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta, SKS, 1998.


ATTRANS
Established 1976
INTERNATIONAL TRANSPORT
Malta Office
Attrans Ltd
Attrans Depot, Mdina Road
Zebbug, Malta
Tel : +356 22585500
Fax : +356 21465675
Email : info@attrans.com
Benelux Office
Attrans B.V.
Kelvinring 24, 2952BG Alblasserdam
The Netherlands
Tel : + 31 78 6920820
Fax : + 31 78 6920829
Email : info.nl@attrans.com

MUŻIKA • ŻFIN • ARTI • KULTURA



# NightFEST @Ħaż-Żebbuġ

*Is-Sibt, 8 ta' Mejju 2010*

*mis-7.00 pm 'l-quddiem*

SPORT • IKEL • XORB • DIVERTIMENT